2) *Puma SE hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 165, 10.5.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2017 – Marsh vs EUIPO (ClaimsExcellence)**

**(Kawża T-308/16)** ([1])

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali ClaimsExcellence — Raġuni relattiva għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2017/C 129/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Marsh GmbH (Francfort-sur-le-Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Riegger, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Manea u D. Hanf, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-8 ta' April 2016 (Każ R 2358/2015-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali ClaimsExcellence bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Marsh GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 287, 8.8.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2017 – Maximum Play vs EUIPO (MAXPLAY)**

**(Kawża T-400/16)** ([1])

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali MAXPLAY — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2017/C 129/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Maximum Play, Inc. (San Francisco, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Graf, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Zaera Cuadrado, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Mejju 2016 (Każ R 2273/2015-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali MAXPLAY bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.